# ĠUSTIZZJA AĊĊESSIBBLI GĦAT-TFAL

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

LEGALAID
MALTA

# PJAN TAT-TIENI LEZZJONI

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jaħdem biex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet tat-tfal kollha, kif inhuma mħarsa fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Unit dwar id-Drittijiet tat-Tfal. B'kollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta, dan l-Uffiċċju qed iqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja.

It-tfal jistgħu jkollhom x'jaqsmu mas-sistema ġudizzjarja f'diversi ċirkostanzi, kemm bħala vittmi, xiehda, jew anki meta akkużati b'reat. F'kull ċirkostanza, id-drittijiet tat-tfal iridu jkunu rispettati. Huma jridu jingħataw l-appoġġ li għandhom bżonn, stmati b'mod ekwu, u mħarsa minn kull tip ta' periklu.

Is-sistema ġudizzjarja tista' tidher imponenti u tqila wisq biex tifhiehem mit-tfal. Ħafna jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn ma jifhmux x'inhu jiġri, u mingħajr is-sostenn neċessarju, l-esperjenza tkun wisq għalihom. Fid-dawl ta' dan, l-Uffiċċju tat-Kummissarju għat-Tfal flimkien mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta ħolqu toolkit għall-ġustizzja aċċessibbli għat-tfal li tħares id-drittijiet u l-bżonnijiet ta' kull tifel u tifla.

## It-toolkit jinkludi:

Serje ta' erba' vidjows edukattivi li jispjegaw punti ewlenin tas-sistema ġudizzjarja b'mod li hi aċċessibbli u tifhiehem mit-tfal.
Żewġ pjani ta' lezzjonijiet maħsuba li jintużaw mal-vidjows u biex titqajjem diskussjoni fil-klassi dwar id-drittijiet tat-tfal.



Dan it-toolkit hu mibni fuq il-prinċipji bażiċi elenkati mill-Kunsill tal-Ewropa. Kull proċess ġudizzjarju li jinvolvi tfal irid ikun:

- **Aċċessibbli** – jiżgura li t-tfal kollha jkollhom aċċess u l-appoġġ meħtieġ.
- **Addattat skont l-età** – juża lingwaġġ li jiftiehem mit-tfal.
- **Bla dewmien** – nuqqas ta' dewmien li jista' jeffettwa negattivament il-benesseri tat-tfal.
- **Reqqa** – titratta kull każ li jinvolvi tfal b'kura u b'mod professjonali.
- **Addaddat** u iffokat fuq il-bżonnijiet tat-tfal – tingħata prijorità lill-aħjar interessi tat-tfal.
- **Rispettat** id-dritt għal proċess ġust – wieħed li jiggarantixxi li ssir ġustizzja fi żmien raġonevoli.
- **Rispettat** id-dritt li tieħu sehem u tifhem il-proċeduri – tagħti vuċi lit-tfal u jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv.
- **Rispettat** id-dritt għal ħajja privata u għal familja – tipproteġi l-privatezza tat-tfal u s-sehem tal-familja fejn ikun meħtieġ.
- **Rispettat** id-dritt għall-integrità u d-dinjità – tiżgura li kull tifel u tifla tkun stmata b'rispett, sigurtà u kompassjoni.

L-Uffiċċju Kummissarju għat-Tfal jesprimi r-ringrazzjament tiegħu lill-edukaturi kollha għall-appoġġ kontinwu fil-promozzjoni għad-drittijiet għat-tfal.



# PJAN TAL-LEZZJONI GĦAL ĠUSTIZZJA AĊĊESSIBBLI GĦAT-TFAL

Dan il-pjan tat-tieni lezzjoni hu intiż bħala **tkomplija** tal-ewwel lezzjoni, u jkompli jiżviluppa l-kunċetti marbutin ma' ġustizzja aċċessibbli għat-tfal.

**Età tal-grupp:** Sena 7 – Sena 11
**Ħin:** 45 minuta sa siegħa
**Riżorsi:** Vidjows, karti A3 u markers

## 1 - Objettivi tal-lezzjoni:

- **Identifika** mill-anqas żewġ rwoli adulti fis-sistema ġudizzjarja.
- **Ifhem** id-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja bħala l-vittma, ix-xhud u l-akkużat.
- **Aħseb** b'mod kritiku dwar l-importanza ta' sens ta' ġustizzja, kooperazzjoni u tisma' l-vuċijiet tat-tfal.

## 2 - Skop tal-lezzjoni:

- Nista' **nifhem** ir-rwoli adulti differenti (bħal avukati, social workers, imħallfin, ġenituri/ġwardjani, u pulizija) fil-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u kif taħdem ġustizzja li hi aċċessibbli għat-tfal.

# 3 - Kriterji ta' suċċess:

- Nista' **nsemmi** u **nfiehem** ir-rwoli ta' mill-anqas żewġ adulti fis-sistema ġudizzjarja
- Nista' nagħti sehmi fid-diskussjoni b'ideat u nirrifletti dwar l-importanza tad-drittijiet tat-tfal
- Naf insemmi professjonisti li jgħinu fil-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

# 4 - Kliem Importanti:

Drittijiet
Ġustizzja
Professjonisti
Qorti

# 5 - Introduzzjoni: 10 minuti

- Ibda l-lezzjoni billi **tfakkar** lill-istudenti x'kien diskuss fil-lezzjoni preċedenti. Drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja iffokati fuq sens ta' ġustizzja, smigħ, rispett, u sigurtà għat-tfal.
- **Staqsi** lill-istudenti biex isemmu **kelma jew idea** li ntqalet fl-ewwel lezzjoni. Iktibhom fuq il-bord.
- **Informa** lill-istudenti li din il-lezzjoni se tiffoka fuq l-adulti li huma responsabbli biex jagħmlu s-sistema ġudizzjarja aċċessibbli għat-tfal.
- **Uri** l-vidjow li jismu Adulti Responsabbli.

# 6 - Discussion: 25 minutes

- **Itlob** lill-istudenti jaħdmu flimkien fi gruppi ta' tlieta jew erbgħa, agħtihom karti A3 li fuqhom iridu jpinġu l-profil ta' adult.
- **Itlobhom** jiddiskutu bejniethom u jiktbu xi kwalitajiet għandhom ikollhom l-adulti biex jgħinu lit-tfal fis-sistema ġudizzjarja.
- **Semmi** dawn il-mistoqsijiet fid-diskussjoni :
    - Xi **kwalitajiet** għandu jkollu adult fis-sistema ġudizzjarja ?
    - Għaliex hu importanti għall-adulti li **jisimgħu** lit-tfal u lil kull min hu involut ?
    - Kif jistgħu l-adulti jagħmlu s-sistema ġudizzjarja waħda li tħaddan **sens ta' ġustizzja** u tkun **sigura** ?
    - Kif jistgħu adulti fis-sistema ġudizzjarja jaġixxu b'mod li n-nies iħossuhom **rispettati** u **mifhuma** ?
- **Staqsi** kull grupp biex jaqsmu mal-klassi l-ideat tagħhom.



# 1 - Ir-rwol tal-adulti: 10 minuti

- ✓ Spjega lill-istudenti li hemm numru ta' adulti responsabbli għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja. Dawn jinkludu avukati, social workers, imħallfin, ġenituri/gwardjani, u uffiċjali tal-Pulizija. Kollha għandhom rwoli differenti biex iħarsu lit-tfal.
- ✓ Uri l- vidjow li jismu Rwol tal-Professjonisti.
- ✓ Segwi sew il-vidjow u staqsi jekk kienx hemm xi ħaġa li spikkat.

# Conclusion: Recap the key points

- ✓ X'tgħallimna llum?
- ✓ Għaliex hu importanti għall-adulti li jħarsu d-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja?
- ✓ Wara dak kollu li smajtu, rajtu u ddiskutejtu flimkien, x'taħsbu li hi l-kwalità l-aktar importanti li għandu jkollu xi ħadd li jaħdem fis-sistema ġudizzjarja? Għaliex?
- ✓ It-tfal, lil min jistgħu jistaqsu għall-għajnuna?

# Attività ta' wara (m'hix obbligatorja)

Katina ta' ġustizzja aċċessibbli għat-tfal – Agħti lil kull student biċċa karta u fuqha jiktbu kwalità waħda li jħossu għandu jkollha persuna li taħdem fis-sistema ġudizzjarja (kif kien diskuss fil-klassi). Għaqqad il-karti flimkien u oħloq 'katina ta' ġustizzja' biex turi li l-kwalitajiet kollha magħqudin jagħmlu s-sistema aktar b'saħħitha.